# Epitaffi għal Avjatur Kanadiż li miet f'Malta.

Ibki għal dan għax jekk int tgħix mitt sena
Ħasra ma ssibx lil min din iżjed tistħoqq
Tad-demgħa mielħa l-qima. Dan għalija
W għalik ħalla l-imdawlin tal-ħajja
Is-swali msaħħra, minn xi ħsieb mġiegħel
Li aħna nifhmu, ma li fih kien qawwi
Biex ġagħlu l-ibħira jofroq, sakemm wasal
Fis-smewwiet tagħna koħol biex issielet
Għar-rebħa ta' fehmiet. Mhux għal fama
Li tibqa' tidwi minn ġo seklu għall-ieħor—
Hawn wisq fid-dinja kobor, wisq qlubija,
Il-moħħ tal-bniedem ma jistax jiftakar
F'kull wieħed minn dan-nies illi kulljum,
Kull siegħa juru, qisha ħaġa żgħira
Wisq ikbar ħila minn dik lil xi xxurtjati
Tal-Greċja w Ruma tat għal dejjem isem.
Daż-żgħażugħ f'saħħtu għal xi żmien kien iva
Sultan tas-sema ikħal. Kien fil-għodu
Jara taħtu bħal ġawhra l-gżira ċkejkna
Fuq il-bellusi baħar tagħna mqiegħda.
Darba sebaħ bil-ħajja ġo fih tfawwar,
B'għanja f'xuftejh u l-inqas biss ġo qalbu
L-iċken sinjal ta' biża'. Kien il-jum
Li fih ġie msejjaħ. Kien il-baħar ikħal,
Li miegħu ħaddnu. Ħaġa sewwa kienet,
Bniedem bħal dan m'għandux mat-trab jissieħeb,
Għalih ma hemmx is-sirda tax-xjuħija.
Iżda inti sieħbi, xieraq wisq tiftakar
Fil-ġmiel u l-qawwa li fix-xejn intemmu,
Xieraq li tweġġah dit-tifkira mqaddsa
B'tad-demgħa mielħa l-qima.

Manwel Agius